**25 ta' Lulju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Albert Bezzina

**Artikolu 3 (3) tal-Kap. 104 - Preskrizzjoni - Għoti tas-Sentenza**

*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali tista' tolqot kemm l-inizju ta' l-azzjoni u kemm il-kors tagħha sakemm ma teżawrixxix ruħha bil-ġudikat, u ma hemm xejn li jimpedixxi li jkun hemm terminu jew termini għall-inizju ta' l-azzjoni u terminu jew termini differenti għall-prosegwiment ta' l-istess azzjoni*

*La l-artikolu 377 (1) u anqas l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ma*

*jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-maġistrat; dak li trid il-liġi hu li dak li jgħid il-maġistrat meta jagħti s-sentenza jiġi rreġistrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Albert Bezzina talli fil-15/1/92 għall-ħabta tas-7 p.m. f'Mosta Road, Lija, għamel użu minn vettura nru. K-2558 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Pulizija biex tintuża fit-triq (liċenzja mhux rinovata); u (2) mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' sigurtà jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi persuni; il-prosekuzzjoni talbet li Bezzina jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perijodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 ta' Frar, 1994;

*Omissis* ;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Albert Bezzina tat-2 ta' Marzu, 1994;

Omissis ;

Rat l-atti kollha tal-kawża:

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Fit-tieni seduta, ċjoè dik ta' l-10 ta' Ġunju, 1994, id-difensur ta' l-appellant issottometta li minkejja dak li jidher fuq il-komparixxi u minkejja dak li hemm fis-sentenza a fol. 15 u 16 ta' l-atti, l-appellant qatt ma kien ammetta l-akkużi quddiem l-ewwel Qorti. Għalkemm fis-sentenza a fol. 15 hemm imniżżel "Semgħet il-provi. Semgħet l-ammissjoni volontarja ta' l-imputat.", dan hu evidentement *lapsus* dovut għall-fatt li fuq il-komparixxi intuża timbru li jġib il-kliem, fost oħrajn, "Semgħet il-provi fuq ammissjoni", u ma nqatgħux dawk il-kliem li ma kinux applikabbli għall-każ. U mill-fotokopja tal-*prime note* tas-seduta tat-18 ta' Frar, 1994, eżibita minn Victor Grech fl-10 ta' Ġunju, 1994, jidher ċar li l-appellant, allura imputat, ma kienx ammetta quddiem l-ewwel Qorti u kien proprju għalhekk li dik il-Qorti għaddiet biex tisma' lil P.S. Drury indikat f'dawk il-*prime note*. Għalhekk din il-Qorti ser tipproċedi biex tkompli tikkonsidra l-appell fuq il-premessa li ma kienx hemm ammissjoni ta' l-appellant quddiem l-ewwel Qorti;

Bħala l-ewwel aggravju l-appellant jikkontendi li l-azzjoni kriminali kwantu għat-tieni imputazzjoni, ċjoe' dik taħt il-Kap.104, hija preskritta. L-appellant qiegħed jibbaża dana l-aggravju u dina l-eċċezzjoni fuq l-artikolu 3(3) tal-Kap.104 li jgħid testwalment: "Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom isiru proċeduri quddiem Qorti, il-proċediment għar-reat taħt dan l-artikolu jista' jsir (a) fi żmien sitt xhur mid-data li fih ikun sar ir-reat allegat; jew (b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skond liema żmien minnhom ikun l-itwal." Fil-każ preżenti r-reat, skond iċ-ċitazzjoni, seħħ fil-15 ta' Jannar, 1992, u l-pulizija saret taf biha fl-istess ġurnata, kif jirriżulta mid-depożizzjoni ta' P.S. 1333 James Drury. Issa, indipendentement mil-liema perijodu hu, skond dana l-artikolu, applikabbli għall-każ preżenti,

u ċjoè jekk hux sitt xhur, tliet xhur jew sena, l-appellant, allura imputat,ġie notifikat l-ewwel darba biċ-ċitazzjoni fl-1 ta' April, 1992 (ara riferta a fol. (2) ċjoè **anqas** minn tliet xhur mid-data tar-reat. L-appellant però jikkontendi li "bejn in-notifika ta' l-avviż u d-data tas-sentenza *l-azzjoni kriminali dwar it-tieni* imputazzjoni kienet ġa waqgħet bil-preskrizzjoni ta' tliet xhur" (ara r-rikors ta' l-appell, paragrafu 4, tieni parti). Fit-trattazzjoni orali l-abbili difensur ta' l-appellant kompla jispjega li l-artikolu 3(3) tal-Kap.104 jipprovdi għal preskrizzjoni speċjali u jidderoga, jew aħjar jirrimpjazza l-preskrizzjoni "normali" li kieku tkun applikabbli għall-każ skond l-artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan ir-rigward l-għaref difensur lealment għamel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' Jannar, 1957 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar** (Vol. XLI.IV.1274), però talab lil din il-Qorti li ma ssegwix dik is-sentenza;

F'dik is-sentenza kien ġie deċiż li l-preskrizzjoni speċjali fl-artiklou 3 (3) tal-Kap.104 tolqot biss **il-bidu** tal-proċediment penali, b'mod li wara li jinbeda l-proċediment, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali tkun irregolata mid-dispożizzjoni ġenerali ta' l-artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali. Jiġifieri, l-prosekuzzjoni trid *tiċċaqlaq* biex tibda *l-proċediment* *entro* t-termini applikabbli skond l-artikolu 3 (3), pero' *una volta* li dan isir, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni issir ta' sentejn (jew, fil-każ tar-reat bil-piena kif ikkontemplata fl-artikolu 3 (2) (c), introdott fl-1986, ta' ħames snin). Dan isegwi l-insenjament, ormai paċifiku fil-ġurisprudenza tagħha, li l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali tista' tolqot kemm l-inizju ta' *l-azzjoni* u *kemm il-kors* tagħha sakemm ma teżawrixxix ruħha bil-ġudikat, u ma hemm xejn li jimpedixxi li jkun hemm terminu jew termini għall-inizju ta' l-azzjoni u terminu jew termini differenti għall-prosegwiment ta' l-istess azzjoni;

Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni anke fid-dawl tad-diversi argumenti miġjuba mill-abbili difensur ta' l-appellant, iżda tara li l-unika konklużjoni li tista' raġjonevolment tasal għaliha hi bħal dik milħuqa mill-Qorti Kriminali fis-sentenza ċċitata, ċjoè li t-termini fl-artikolu 3(3) jolqtu biss il-bidu ta' l-azzjoni u mhux il-prosegwiment tagħha. Apparti l-argumenti kollha miġjuba f'dik is-sentenza, din il-Qorti tara li meta wieħed iqabbel il-kliem użat fl-artikolu *in diżamina* tal-Kap. 104, "....il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir...." (fit-test Ingliż "....*proceedings for an offence under this section may be brought....*") mal-kliem "....l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni...."(fit-test Ingliż "....*criminal action is barred....*") użati fl-artikolu 688, il-konklużjoni hi waħda ċara: kieku l-leġislatur ried li t-termini msemmija fl-artikolu 3(3) ma jolqtux biss l-inizju ta' l-azzjoni kien juża l-istess kliem, jew kliem bħal dawk użati fl-artikolu 688 imsemmi. Hekk ġara per eżempju, fil-liġi dwar l-istampa fejn l-artiklou 40 tal-Kap. 248 jgħid bl-aktar mod ċar u kważi bl-istess kliem adoperati fl-artikolu 688, " **L-azzjoni kriminali** għal kull reat taħt din it-Taqsima **taqa' bi preskrizzjoni** wara tliet xhur. B'danakollu **l-azzjoni kriminali** għar-reat imsemmi fl-artikolu 39 **taqa' bi preskrizzjoni** wara sena." (emfasi tal-Qorti). Dan jikkuntrastja mal-lokuzzjoni adoperata f'liġijiet preċedenti dwar l-istampa u li kienet tolqot biss il-bidu ta' l-azzjoni, kif jirriżulta mis-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' April, 1986 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Victor Camilleri u Paul Spiteri**, li aċċenna għaliha wkoll id-difensur ta' l-appellant.

Fil-każ preżenti, iċ-ċitazzjoni ġiet innotifikata lill-appellant, kif ingħad, *entro* l-perijodu ta' tliet xhur mid-data tal-kommissjoni tar-reat; u mid-data ta' dik in-notifika, ċjoè l-1 ta' April, 1992, sad-data tas-sentenza ma għaddewx aktar minn sentejn, u dana apparti d-diversi notifiki li saru fil-frattemp kif

jirriżulta mir-riferti a fol. 3 sa 6 inklużivament. Għalhekk l-ewwel aggravju dwar il-preskrizzjoni qed jiġi respint;

It-tieni aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli, skond hu, is-sentenza appellata hija nulla peress li ma jissemmewx l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati u anqas ma jissemma l-isem tal-liġi partikolari jew tal-kapitolu tal-liġijiet ta' Malta li ġew meqjusa miksura mill-appellant. Dana l-aggravju hu bbażat fuq l-artiklou 382 tal-Kodiċi Kriminali, u l-appellant qiegħed neċessarjament jirreferi għal dak li hemm miktub fuq il-komparixxi u mhux għall-kopja tas-sentenza a fol. 15 ta' l-atti, peress li din fiha indikazzjoni ta' l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reat, b'indikazzjoni ukoll tal-kapitolu tal-liġi. Fuq dan il-punt il-Qorti tosserva li la l-artikolu 377 (1) u anqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-maġistrat; dak li trid il-liġi hu li dak li **jgħid** il-maġistrat meta jagħti s-sentenza jiġi rreġistrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak li hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-maġistrat, mhux is-sentenza, u bejn dawk l-appunti u l-kopja uffiċjali tas-sentenza kif tidher a fol. 15 ma hemmx kontradizzjonijiet. Għalhekk dana l-aggravju qed jiġi wkoll respint. Il-Qorti tosserva fuq dan il-punt illi kieku din il-Qorti kellha tħassar is-sentenza minħabba karenza ta' xi rekwiżit kif imsemmi fl-artikolu 382, il-konsegwenza kienet tkun li din il-Qorti terġa' tisma' l-kawża mill-ġdid fil-meritu kif ipprovdut fl-artikolu 428(3), b'mod li, kif dejjem ġie ritenut f'każijiet simili, is-subartikolu (7) ta' l-imsemmi artikolu 428 ma jkunx japplika;

Fl-aħħarnett l-appellant jilmenta mill-piena mogħtija għall-ewwel imputazzjoni. Proprjament l-appellant ma ngħatax "piena" għal din l-imputazzjoni *stante* li "*conditional*" jew "*absolute discharge*" ma hix piena. Però billi s-sentenza appellata ma speċifikatx it-terminu li fih l-appellant m'għandux

jikkommetti reat meta applikat l-artikolu 9 tal-Kap. 152, jiġi li għalhekk dan il-perijodu hu wieħed bla limitu, li jmur kontra dak li jipprovdi l-artikolu 9 (1) ta' l-imsemmi Kap.152. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tara li jkun aktar opportun li fuq din l-imputazzjoni l-appellant ikun "liberat għal kollox", ċjoè mingħajr kundizzjoni, skond kif provdut fis-subartikolu (1) tal-artikolu 9 tal-Kap. 152;

Kwantu għaż-żewġ imputazzjonijiet dawn jirriżultaw soddisfaċentement ppruvati mix-xiehda ta' P.S. 1333 Drury;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata bil-mod kif ġej, u ċjoè billi tħassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor mid-data tas-sentenza bl-applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kap. 152 u minflok tillibera lill-appellant skond l-artikolu 9(1) tal-Kap. 152, ċjoè mingħajr kundizzjoni, u dan għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, u tikkonferma l-bqija tas-sentenza, ċjoè kwantu għall-ħtija fuq iż-żewġ imputazzjonijiet u kwantu għall-piena inflitta għar-rigward tat-tieni imputazzjoni.